

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Matratzen Concord GmbH
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva MATRATZEN CONCORD għal prodotti fil-klassijiet 10, 20 u 24 – Applikazzjoni Nru 3355369
Proprietarji tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Pablo Barranco Schnitzler u Mariano Barranco Rodriguez
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark nazżjonali verbali MATRATZEN għal prodotti fil-klassi 20
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Applikazzjoni għal trade mark miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-30 ta' Mejju 2008 (Każ R 1034/2007-2) hija annullata.
- 2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Ġunju 2010 –
Victoria Sánchez vs Il-Parlament u Il-Kummissjoni**

(Kawża T-61/10 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Talba għal miżuri provviżorji — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Rekwiżiti proċedurali — Preżentazzjoni tat-talbiet — Sunt tal-motivi invokati — Motivi ta' dritt li ma għewx esposti fir-rikors u fis-sottomissjonijiet — Riferiment ġenerali għal dokumenti oħra — Inammissibbiltà (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 44(1)(ċ) u 104(2) u (3)) (ara l-punti 12, 14-18)*
2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-għoti — Fumus boni juris — Urġenza — Dannu gravi u irreparabbli — Natura kumulattiva (Artikoli 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punt 13)*

Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji intiża sabiex jiġu ggarantiti l-integrità fiżika tar-rikorrenti, id-drittijiet fundamentali tiegħu u dawk taċ-ċittadini Ewropej li jistgħu jkunu affettwati.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.